32006R0228

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 228/2006

tad-9 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2257/94 li jistabbilixxi l-istandards tal-kwalità għall-banana

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2257/94 [2] li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 fir-rigward tal-istandards tal-kwalità għall-banana.

(2) Riċerka reċenti dwar il-varjetajiet tal-banana wasslet għall-iżvilupp ta' diversi ibridi. Dan huwa l-każ għall-varjetà Flhorban 920, ibridu triplojde, Musa balbisiana X Musa acuminate, li tappartjeni għall-grupp AAA. Din il-varjetà ngħatat il-protezzjoni Komunitarja bid-Deċiżjoni Nru 13757 tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti tad-19 ta' Lulju 2004. L-ibridi għandhom għalhekk ikunu koperti bir-Regolament (KEE) Nru 2257/94.

(3) Minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi ta' dawk ir-reġjuni, ir-Regolament (KEE) Nru 2257/94 jippermetti li banana prodotta fil-Madeira, l-Azores, l-Algarve, Kreta u Lakonja tiġi kummerċalizzata fil-Komunità meta tkun klassifikata fil-Klassi II anke jekk ma tissodisfax ir-rekwiżit li tkun twila tal-anqas 14-il ċm. Huwa xieraq li tiġi provduta l-istess deroga għall-banana prodotta f'Ċipru, fejn il-kundizzjonijiet klimatiċi huma simili.

(4) Fid-dawl tad-domanda tas-suq Komunitarju u b'kunsiderazzjoni għall-Istandard Codex Alimentarius għall-banana (Codex Stan 205-1997), għandu jkun hemm provvediment sabiex tkun permessa l-kummerċalizzazzjoni tal-banana ppreżentata bil-waħdiet.

(5) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 2257/94 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Banana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2257/94 jinbidel kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel kif ġej:

(a) Il-punt I jinbidel b'dan li ġej:

"I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għall-banana tal-varjetajiet (cultivars) tal-Musa (AAA) spp., is-subgruppi Cavendish u Gros Michel, kif ukoll l-Ibridi, imsemmija fl-Anness II, għall-forniment, friska għall-konsumatur wara l-preparazzjoni u l-imballaġġ. Plantains, banana intenzjonata għall-ipproċessar industrijali u banana tat-tin mhumiex koperti."

(b) Fil-punt III, ir-raba' paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"B'eċċezzjoni għat-tielet paragrafu, banana prodotta fil-Madeira, l-Azores, l-Algarve, Kreta, Lakonja u Ċipru li hija twila inqas minn 14-il ċm tista' tiġi kummerċalizzata fil-Komunità iżda għandha tiġi kklassifikata fil-Klassi II."

(c) Fil-punt V, il-punt C, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-banana għandha tkun ippreżentata f'għenieqed jew partijiet ta' għenieqed b'tal-anqas erba' bananiet. Il-banana tista' tiġi ppreżentata bil-waħdiet."

(2) Fl-Anness II, il-Grupp AAA, wara s-subgrupp Gros Michel tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

Grupp	Subgrupp	Cultivars ewlenin (lista mhux eżawrjenti)
	"Ibridi	Flhorban 920"

[1] ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

[2] ĠU L 245, 20.9.1994, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/97 (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 53).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni